**Kunsill Lokali Ta Xbiex**
High Rise Apartments, Triq l-Imradd, Ta Xbiex XBX 1150
Tel: 00356 21338844 email:taxbiex.lc@gov.mt website: www.taxbiex.gov.mt

---

# KUNSILL LOKALI TA' XBIEX

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU 66 – L-ERBGĦA, 15 TA' MEJJU 2024 FIL-5.30PM

Il-Kunsill iltaqa' fil-Boardroom.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | | |
| | Max Zammit | Sindku |
| | Louisa Cachia Castelletti | Kunsillier |
| | Eugenio Muscat | Kunsillier |
| | Ronald Portelli | Kunsillier |
| | Kurt Guillaumier | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati | Oriana Calleja | Viċi Sindku |

### 1 Approvazzjoni Minuti 65

1.1 Ma kienx hemm korrezzjonijiet. Is-Sinjura Louise Cachia Castelletti pproponiet li jiġu approvati dawn il-minuti. Is-Sur Eugenio Muscat issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

### 2 Punti mill Minuti 65

2.1 Dwar paragrafu 5.1, ġie innutat li qed ikun hemm campers fi Triq ir-Rampa.

---

Sindku: Max Zammit, Vici Sindku Oriana Calleja, Kunsilliera: Louise Cachia Castelletti, Gino Muscat, Ronald Portelli
Agent Segretarju Ezekuttiv: Kurt Guillaumier

## 3 Pagamenti 100

3.1 Il-pagamenti ġew diskussi waqt il-laqgħa. Is-Sinjura Louise Cachia Castelletti ipproponiet li jiġu approvati dawn il-pagamenti. Is-Sur Ronald Portelli ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

3.2 Is-Sur Eugenio Muscat ippropona li jiġu approvati l-petty cash ta' Marzu u ta' April 2024. Is-Sinjura Louise Cachia Castelletti ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

## 4 Komunikazzjoni mis-Sindku

4.1 Is-Sindku rringrazzja lil kulħadd għall-ħidma tiegħu tul din il-leġislatura u tal-isforzi li saru matul il-pandemija. Hu rringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv ta' qabel u ta' issa kif ukoll lill-istaff kollu. Ringrazzjament ukoll tmur għall-Kunsilliera li ħadmu id f'id għall-ġid tal-lokal u tar-residenti. Hu awgura lill-Kunsill il-ġdid għall-isfidi l-ġodda.

## 5 Korrispondenza

5.1 Dwar l-iskema SPI/SCI/03/2024, kien hemm qbil li dan isir flimkien mar-Reġjun Lvant u b'kollaborazzjoni mal-kumpanija Bettson fl-20 ta' Settembru 2024. Kien hemm qbil unanimu.

5.2 Kien hemm diskussjoni dwar il-virtual tours. Kien hemm qbil li s-Sinjura Louise Cachia Castelletti tesplora l-postijiet biex dawn il-virtual tours isiru.

5.3 Kien hemm diskussjoni dwar il-computer services li jingħataw bla ħlas lir-residenti. Kien hemm qbil li jerġa' jiġi ffirmat il-kuntratt ma' The NoteBook Centre biex dan is-servizz ikompli jingħata lir-residenti ta' Ta' Xbiex bla ħlas.

## 6 Għeluq il-Laqgħa

6.1 Il-laqgħa spiċċat fis-6.45pm.

| | |
|---|---|
| **Max Zammit**<br>**Sindku** | **Kurt Guillaumier**<br>**Aġent Segetarju Eżekuttiv** |

Sindku: Max Zammit, Vici Sindku Oriana Calleja, Kunsilliera: Louise Cachia Castelletti, Gino Muscat, Ronald Portelli
Agent Segretarju Ezekuttiv: Kurt Guillaumier